Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 8 ta' Lulju 2024**
**(OR. en)**

**11922/24**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0174(NLE)**

**ECOFIN 830**
**UEM 236**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 8 ta' Lulju 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2024) 514 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 514 final.

Mehmuż: COM(2024) 514 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2024
COM(2024) 514 final

2024/0174 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv f'Malta**

2024/0174 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv f'Malta**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula minn Malta,

Billi:

1. Skont l-Artikolu 126 TFUE, l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern.

2. Il-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir (PST) huwa bbażat fuq l-objettiv ta’ finanzi governattivi sodi bħala mezz sabiex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli b’saħħtu, sostenibbli u inklużiv mirfud minn stabbiltà finanzjarja, u b’hekk jappoġġa li jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni għal tkabbir sostenibbli u impjiegi.

3. Il-proċedura ta' deficit eċċessiv (PDE) skont l-Artikolu 126 TFUE, kif iċċarata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' deficit eċċessiv ([1]) (li tifforma parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir) tipprevedi deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv. Il-Protokoll Nru 12 dwar il-PDE, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE jistabbilixxi aktar dispożizzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-proċedura ta’ deficit eċċessiv. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 ([2]) jistipula regoli u definizzjonijiet iddettaljati għall-applikazzjoni ta’ dawk id-dispożizzjonijiet. Il-qafas ta’ governanza ekonomika riformat tal-UE, li daħal fis-seħħ fit-30 ta’ April 2024, jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97. Ir-riforma żammet ir-regoli tal-proċedura ta’ deficit eċċessiv minħabba nuqqas ta’ konformità mal-kriterju tad-deficit ġeneralment l-istess, filwaqt li għall-Istati Membri bi proporzjon tad-dejn tal-gvern ogħla minn 60 % tal-PDG, il-proċedura ta’ deficit eċċessiv minħabba nuqqas ta’ konformità mal-kriterju tad-dejn se tiffoka fuq tluq mill-perkors tan-nefqa netta li se jiġi stabbilit mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 abbażi tal-pjanijiet fiskali-strutturali ta’ terminu medju li jridu jiġu sottomessi mill-Istati Membri. Id-Deċiżjoni

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/2024-04-30.
([2]) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

tal-Kunsill tikkonċerna biss l-eċċess tal-proporzjon tad-defiċit tal-gvern mal-prodott domestiku gross (PDG) fir-rigward tal-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG.

4. Skont l-Artikolu 126(5) TFUE, jekk il-Kummissjoni tqis li jkun jeżisti, jew li jista' jkun hemm, defiċit eċċessiv fi Stat Membru, hija għandha tindirizza opinjoni lill-Istat Membru kkonċernat u tgħarraf lill-Kunsill kif xieraq. Wara li kkunsidrat ir-rapport tagħha adottat skont l-Artikolu 126(3) TFUE u wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju adottat skont l-Artikolu 126(4) TFUE, il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżisti defiċit eċċessiv f'Malta. Fit-8 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni għaldaqstant indirizzat tali opinjoni lil Malta u infurmat lill-Kunsill kif xieraq. ([3])

5. L-Artikolu 126(6) TFUE jistipula li l-Kunsill irid jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jesprimi qabel ma jieħu deċiżjoni wara evalwazzjoni ġenerali dwar jekk ikunx jeżisti defiċit eċċessiv. Fil-każ ta' Malta, l-istima kumplessiva twassal għall-konklużjonijiet li ġejjin.

6. Skont id-*data* vvalidata mill-Eurostat fit-22 ta' April 2024 ([4]), id-defiċit tal-gvern estiż f'Malta laħaq l-4,9 % tal-PDG fl-2023, u d-dejn tal-gvern estiż kien ta' 50,4 % tal-PDG. Ir-rapport tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 126(3) TFUE qies li l-eċċess tad-defiċit fuq il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG fl-2023 mhuwiex eċċezzjonali, peress li la jirriżulta minn avveniment mhux tas-soltu u lanqas minn reċessjoni ekonomika severa fis-sens tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fl-2023 il-PDG reali ta' Malta kiber b'5,6 % tal-PDG, wara tkabbir tal-PDG ta' 8,1 % fl-2022. L-eċċess ippjanat fuq il-valur referenzjarju tat-Trattat ukoll mhux temporanju, ibbażat fuq it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2024 tal-Kummissjoni, li jipprojetta li d-defiċit tal-gvern estiż jibqa' 'l fuq minn 3 % tal-PDG fl-2024 u fl-2025. Kollox ma' kollox, id-defiċit għall-2023 kien 'il fuq u mhux qrib il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG. L-eċċess mhuwiex meqjus bħala eċċezzjonali kif definit mit-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u mhux temporanju. Għalhekk, il-kriterju tad-defiċit kif definit mit-Trattat u r-Regolament (KE) Nru 1467/97 *prima facie* mhuwiex issodisfat.

7. Abbażi tad-*data* nnotifikata lill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż ta' Malta huwa ppjanat li jilħaq l-4,5 % tal-PDG fl-2024. ([5]) It-tbassir tar-rebbiegħa 2024 tal-Kummissjoni ([6]) jindika defiċit ta' 4,3 % tal-PDG, 'il fuq u mhux qrib il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG.

8. F'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 126(3) TFUE, il-Kummissjoni analizzat ukoll il-fatturi rilevanti kollha fir-rapport tagħha skont l-Artikolu 126(3) TFUE. Kif stabbilit fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, kull meta l-proporzjon tad-dejn tal-gvern apparagun tal-PDG ma jaqbiżx il-valur referenzjarju, jitqiesu l-fatturi rilevanti fil-passi li jwasslu għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. B'mod ġenerali, il-fatturi rilevanti eżaminati fir-rapport skont l-Artikolu 126(3)

---

([3]) Id-dokumenti kollha relatati mal-PDE għal Malta jinsabu fuq: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/corrective-arm-excessive-deficit-procedure/closed-excessive-deficit-procedures/malta_en .

([4]) L-Indikaturi tal-euro tal-Eurostat ippubblikati fit-22 ta' April 2024. Ara: https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-euro-indicators/w/2-22042024-AP .

([5]) Defiċit ippjanat kif irrappurtat lill-Eurostat fil-kuntest tan-notifika fiskali tar-rebbiegħa 2024. Ara: https://ec.europa.eu/eurostat/web/government-finance-statistics/excessive-deficit-procedure/edp-notification-tables .

([6]) Tbassir Ekonomiku Ewropew - Rebbiegħa 2024, *European Economy-Institutional Paper*, Nru 286, 15 ta' Mejju 2024.

TFUE huma vvalutati bħala li jippreżentaw stampa mħallta. Il-kunsiderazzjoni ta' dawn il-fatturi rilevanti ma timmodifikax il-konklużjoni li l-kriterju tad-defiċit fit-Trattat mhuwiex issodisfat.

9. Fid-dawl tal-iskadenza tal-20 ta' Settembru 2024 għall-preżentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju f'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2024/1263, il-Kunsill jieħu nota li l-pass li jmiss fil-proċedura, jiġifieri r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE dwar il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, se jsir flimkien mal-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013. Dan l-approċċ jippermetti li tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti baġitarji skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv u l-perkors ta' aġġustament stabbilit fil-pjanijiet fiskali-strutturali ta' terminu medju. L-iffaċilitar ta' tali konsistenza filwaqt li tiġi evitata lakuna fis-sorveljanza skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, jirrikjedi li l-pjanijiet fiskali-strutturali ta' terminu medju tal-Istati Membri jiġu ppreżentati fil-pront. Din l-iskeda ta' żmien hija eċċezzjonali u marbuta mat-tranżizzjoni għall-qafas il-ġdid, u għalhekk ma toħloqx preċedent. Il-Kunsill jieħu nota wkoll li, fin-nuqqas ta' preżentazzjoni f'waqtha tal-pjan ta' terminu medju, ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) se tikkunsidra t-trajettorja referenzjali trażmessa mill-Kummissjoni lill-Istat Membru ddeterminata skont ir-Regolament (UE) 2024/1263.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn stima kumplessiva jirriżulta li jeżisti defiċit eċċessiv f'Malta minħabba nuqqas ta' konformità mal-kriterju tad-defiċit.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*